MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 618/2013

**AB**

***Vs***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u sebgha u sittin (1976) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dokument A;

Illi t-tfal tal-partijiet huma maggorenni;

Illi l-partijet huma ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004) pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Patrizia Mallia anness u mmarkat Dokument B;

Illi il-partijiet ilhom ‘il fuq minn disa’ (9) snin ma jghixu flimkien;

Illi m’hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn disa’ (9) snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment saparata minn xulxin;

Illi l-esponenti ma huwa dovut ebda manteniment ghalih personalment skont il-kuntratt fuq imsemmi u il-manteniment dovut lill-intimata jithallas puntwalment u ma hemm ebda arretrati ta’ manteniment li huma dovuti;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1) Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tad-3 ta’ Jannar 2014;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ir-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta’ Lulju 2004;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Ir-rikorrenti pprova wkoll illi ma hemm ebda pendenzi fir-rigward ta’  manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------